MELLIEHA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI MELLIEĦA**

**IS-SITT KUNSILL**

KONTINWAZZJONI TAS-

SEDUTA NRU. 16

24 ta’ Frar 2009

Minuti tal-kontinwazzjoni tas-Seduta Nru. 16 tal-Kunsill Lokali Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq Il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tlieta 24 ta’ Frar 2009.

## PREŻENTI

Il-Kunsillieri kollha.

## TALBA

It-talba ntqalet mis-Sindku.

## 1.0. Minuti

1.1. Id-diskussjoni fuq il-minuti ta’ l-ewwel parti tas-seduta tħallew għas-seduta li jmiss.

## 2.0. Korrispondenza

Ma nqrat ebda korrispondenza

## 3.0. Tqegħid ta’ Karti

Ma tqegħdu ebda karti

## 4.0. Materji Mqajjma mill-Minuti

Ma tqajjmux materji mill-minuti

## 5.1. Talbiet għal Xiri ta’ Servizzi u Oġġetti

5.2. Id-diskussjoni fuq dan is-suġġett tħalliet għas-seduta li jmiss.

## 6.1. Talbiet għal Ħlasijiet ta’ Servizzi u Materjal

6.2. Id-diskussjoni fuq dan is-suġġett tħalliet għas-seduta li jmiss.

## 7.1. Nominazzjonijiet għall-Onorefiċenzi Ġieħ il-Mellieħa u Rikonoxximent il-Mellieħa (A/5/3/1/Vol X)

7.2. Is-Sindku ressaq skeda ta’ nomini ġodda li daħlu sad-data ta’ egħluq fis-6 ta’ Frar 2009, kif ukoll oħrajn li ġew sottomessi fis-snin preċedenti. Huwa rrefera wkoll għall-kuntatti informali li kien hemm dwar iż-żewġ gruppi politiċi rappreżentati fil-Kunsill, dwar in-nomini kollha li tressqu bejn 2000 u l-2008.

7.3. Wara diskussjoni kien hemm qbil unanimu minn fost il-kunsillieri preżenti fuq numru ta' persuni u għalhekk is-Sindku R. Cutajar ressaq mozzjoni ssekondata mill-Kunsillier J. Buttiegieg, li kienet tgħid kif ġej:

**"Billi fis-seduta tal-Kunsill tat-23 ta' Awissu 1999, twaqqfu l-onorefiċenzi ta' "Ġieħ il-Mellieħa" u "Rikonoxximent il-Mellieħa" sabiex jingħataw lil dawk il-persuni jew għaqdiet li jkunu ddistingwew ruħhom b`eċċellenza f`xi qasam li permezz tagħhom ikun għollew l-isem tal-lokalita';**

**Billi tressqu diversi nominazzjonijiet li saru skond il-kriterji stabbiliti, illi ġejjin minn snin preċedenti u oħrajn li daħlu wara s-sejħa li għalqet fis-6 ta' Frar 2009, liema nominazzjonijiet ġew evalwati sabiex jiġu stabbiliti l-merti tagħhom; u**

**Billi l-kriterju dwar in-numru ta' onorefiċenzi jistabilixxi li l-unur tal-"Ġieħ" għandu jingħata lil mhux iktar minn persuna / organizzazzjoni waħda, filwaqt li l-unur tar-"Rikonoxximent" jista' jingħata lil mhux iktar minn tliet persuni / organizzazzjonijiet, apparti dawk li huma ntitolati għalihom wara li okkupaw kariga fil-Kunsill u għalhekk jikkwalifikaw awtomatikament skond il-kriterji stabbiliti;**

**Il-Kunsill jirriżolvi li l-onorefiċenza` "Ġieħ il-Mellieħa" għandha tingħata lil:**

- **John Buttigieg – Ex-Sindku**
- **Victor Vella - Kittieb**

**filwaqt illi l-persuni li ġejjin għandhom jingħataw l-unur "Rikonoxximent il-Mellieħa":**

- **John Camilleri – Impenjat fil-Volontarjat**
- **Anthony Cutajar – Impenjat fid-Drama**
- **Jeremy Debono – Ex-Kunsillier**
- **Mary Galea – Impenjata fil-Volontarjat**
- **Eucaristico Grech – Ex-Kunsillier**

**Jirriżolvi wkoll illi l-medalji u l-insinji, flimkien mad-dokumenti relattivi, għandhom jiġu ppreżentati waqt serata organizzata apposta nhar il-Ġimgħa 27 ta' Frar 2009.".**

7.4. Is-Sindku R. Cutajar iddikjara li huwa għandu parentela mas-Sur Anthony Cutajar u għalhekk ma ħax parti fid-diskussjoni dwar l-evalwazzjoni tan-nomina tiegħu.

7.5. Wara diskussjoni fit-tul fuq il-mozzjoni, ir-riżoluzzjoni għaddiet unanimament mingħajr emendi.

7.6. Il-Kunsill qabel li is-CD u ktejjeb bil-lirika tal-*musical* "El Mellaha – Grajjietha" għandu jkun għall-bejgħ waqt is-serata ta' Jum il-Kunsill bil-prezz ta' €15.

7.7. Ġie deċiż wkoll li għandha tingħata għotja ta' €250 lid-Dar tal-Provvidenza li tiġi ppreżentata waqt is-serata.

7.8. Is-Sindku aċċenna għad-deċiżjoni dwar iż-żjara lill-anzjani residenti fid-Dar il-Madonna tal-Mellieħa, kien hemm qbil li din għandha ssir nhar il-Ħadd l-1 ta' Marzu 2009 fit-8.30am. Fl-istess żjara l-anzjani għandhom jiġu ppreżentati frott.

7.9. Is-Sindku għarraf li kull minn ser ikun preżenti għas-serata ser jingħata *token* bi prodotti ta' sbuħija. Il-Kunsill ġie nfurmat ukoll li kien għoja ta' €500 mid-ditta Charles Grech Ltd u oħra ta' €200 minn Euro Clean Ltd, b'riżq l-attività ta' Jum il-Kunsill 2009.

7.10. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 8.1. L-ewwel anniversarju mill-ftuħ ta' Dar il-Madonna tal-Mellieħa (A/1/2/Vol IV)

8.2. Is-Sindku fakkar li nhar il-Ħadd 1 ta' Marzu 2009 jaħbat l-ewwel anniversarju mill-inagurazzjoni ta' Dar il-Madonna tal-Mellieħa. Biex jitfakkar dan l-avveniment ser ikun hemm attività li tikkonsisti f'taħwil ta' siġar bil-parteċipazzjoni tas-Segretarju Parlamentari responsabbli mill-Anzjani l-Onor. Mario Galea, il-membri tal-Kunsill Lokali, l-impjegati ta'

CareMalta Ltd u l-infermiera li jservu fl-istess dar. Is-Sur R. Cutajar qal ukoll li l-attività ser tibda fid-8.45am u wara jkun hemm Quddiesa ta' ringrazzjament.

## 9.1. Jum favur il-Konservazzjoni ta' l-Ambjent (T/6/1/Vol II)

9.2. Is-Sindku għarraf li l-Għaqda Kaċċaturi u Nassaba Konservazzjonisti – Mellieħa ser torganizza attività għall-familja kollha, ġewwa l-Aħrax tal-Madonna fl-1 ta' Marzu 2009. Din ser tikkonsisti f'taħwil ta-siġar, ġbir ta' skart, żbir ta' siġar, restawr ta' ġiren u tiswija ħitan tas-sejjieħ. Billi din ser ssir bil-koperazzjoni tal-Kunsill Lokali u l-Ministeru għar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali, ser jattendi l-Onorevoli George Pullicino.

9.3. Is-Sur R. Cutajar stieden lill-kunsillieri jattendu għall-attività li ser isseħħ bejn it-8.30 u l-11.30 ta' filgħodu.

## AĠĠORNAMENT

Is-seduta spiċċat fit-8.30pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 2 ta' Marzu 2009 fis-7.00pm.

| | |
|---|---|
| Robert Cutajar | Carmel Debono |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |